MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 22/2011

**David D'Anastas (ID 199781(M))**

**vs**

**Thermoplastics Limited (C19805)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fl-1 ta' Lulju 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*"Introduzzjoni*

*Illi r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni gusta.*

*Da parti taghha s-socjeta' intimata replikat li l-kawza tat-terminazzjoni kienet wahda gusta stante li kienet kagunata minn 'redundancy'.*

Provi

*Ir-rikorrent xehed li kien gie impjegat b'kuntratt indefinit fl-ewwel (1) ta' Settembru 2003 bhala printer. F'Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) sar assistant supervisor u fid-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) gie promoss ghal kariga ta' floor supervisor. Gie mkecci fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008). Ma giex offrut l-ebda xoghol alternattiv, inkluz 'downgrading' u wisq anqas meta kien hemm opportunita' alternattiva fi zmien sena minn tali terminazzjoni.*

Kenneth Caruana *– propjetarju tas-socjeta' ntimata, stqarr li kienu ghaddejjin minn zmien difficli u kellu jiehu passi drastici ta' ekonomija inkluz li jittermina l-impjieg tar-rikorrent. D'Anastasi kien jiehu hsieb il-production floor kollu nkluzi injection moulding, printing health and safety, dokumentazzjoni u jaghmel xoghol amministrattiv fl-ufficju nkluz jiehu l-ordnijiet u jqassam il-materjal. Kellu hamsa u ghoxrin (25) persuna tahtu. Ix-xoghol tieghu beda jsir minnu u mill-mara tieghu, r-rikorrent spicca bla xoghol, u kellu l-impjieg terminat.*

Ray Abela *stqarr li kien l-accountant tal-kumpanija fil-perjodu ta' bejn ix-xhur ta' Settembru elfejn u tmienja (2008) u Marzu elfejn u disgha (2009) l-introjtu tal-kumpanija naqas drastikament anke b'hamsin fil-mija (50%). Tenut kont l-awment fil-prezz taz-zejt (li hija materja prima) u s-surcharge tal-elettriku iz-zmien ma kienx wiehed felici ghall-kumpanija. Ittiehdu diversi mizuri ta' evitar ta' spejjes u ekonomija, inkluz li ma jsirx overtime u jitkecca r-rikorrent.*

Jennifer Debono *– in rapprezentanza ta' ETC esibiet lista tal-impjegati tas-socjeta' intimata ghal perjodu mill-wiehed (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) sas-sittax (16) ta' Novembru elfejn u disgha (2009). Wara r-rikorrent*

*spiccaw xi haddiema ohra u diversi persuni ohra gew impjegati wkoll.*

***<u>Konsiderazzjonijiet</u>***

*Is-socjeta' ntimata tibbaza d-difiza taghha fuq il-kuncett ta' redundancy. Ghalkemm mhux definit legislattivament il-kuncett gie nterpretat mill-Qrati ordinarji, dan it-Tribunal u awturi specjallizati nkluz Selwyn.*

*A skans ta' repetizzjoni, ssir referenza ghal zewg decizzjonijiet ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet – "Stephen Muscat vs Armstrong" u "Mario Psaila vs Melita Plc". Huwa pacifiku li biex id-difiza ta' redundancy tirnexxi trid tigi pruvata minn dak li qed jallegaha – rrid jigi sottomess a sodisfazzjon tat-Tribunal li l-kundizzjonijiet li janticipawha jinkludu nuqqas ta' xoghol ghal dak il-haddiem partikolari u li ma tkunx awtokagunata jew inflitta. Il-kundizzjoni ezistenti fuq il-post tax-xoghol ghandhom ikunu li ma jhallux alternattiva ohra lill-principal x'jaghmel hlief li jittermina x-xoghol. Jekk il-principal jiehu x-xoghol lill-impjegat partikolari biex tigi maghmul minn haddiem iehor ikun hemm rizultat naturali li l-haddiem jispicca biex ma jkollux l-ebda xoghol x'jaghmel.*

*Biex ikun hemm redundancy trid tezisti l-kundizzjoni nkonfutata li ma hemmx xoghol u mhux jispicca bla xoghol ghax ix-xoghol tieghu gie assenjat lil terzi. F'dan is-sens ma jistax ikun awtokagunat.*

*Illi r-rikorrent odjern beda kwazi mill-qiegh u spicca "middle management". Kien l-uniku li jokkupa l-grad ta' 'floor supervisor'. Kien kapaci u effettivament kien jaghmel kollox hlief jahdem fattwalment bhala 'machine operator' u jmexxi l-fabbrika. Kien il-factotum taghha. Gara pero' ma' l-ewwel beraq messet lilu l-manuvra tal-licenzjament.*

*Irid jinghad li s-socjeta' ntimata taghmel xoghol ta' subcontracting, principalment mal-Playmobil Ltd. Hija sistema riskjuza ghall-ahhar. Kif ikun hemm xi tektika ta' nuqqas ta' xoghol, ikunu s-subcontractors li jhossu l-ewwel effetti kontrarji. Hija pozizzjoni wisq perikoluza u*

*esplossiva. Is-subcontractor jghaddi l-konsegwenzi fuq ta' tahtu ossia l-haddiema tieghu. Kienu ftit xhur ta' tnaqqis fl-introjtu. Is-soluzzjoni apparti t-tnaqqis fl-overtime kienet li jigi terminat l-impjieg tar-rikorrenti. B'hekk solva l-problemi kollha l-principal?*

*Illi huwa mpossibli li biex tissolva problema ta' ftit xhur jitkecca l-factotum tal-kumpanija. Veru kien wahdu fil-grad u/jew klassi. Pero' b'daqshekk seta' jigi offrut post effettivament fil-kumpanija. Kien kapaci jaghmel kollox. Kien ikun kapaci li jaccetta li jmur lura fil-kariga tieghu precedenti u/jew down grading sakemm tghaddi l-burraxxka li kienet qed tigri fuq il-kumpanija. Wara kollox dina damet minn Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sa Marzu elfejn u disgha (2009). B'paga ta' tlett mija u hamsin Euro (€350) settimanali ghal dak ix-xoghol kollu li kien jaghmel, ma tantx jidher li l-kumpanija frankat wisq flus.*

*Kif xehed pero' Kenneth Caruana fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Frar 2011, huwa stqarr li ma hass l-ebda obbligu ta' kwalunkwe natura, nkluz dak legali, li jittermina mpjieg ta' operator inkluz dik tal-ex tfajla tieghu, biex jakkomoda lilu. Huwa kien sodisfatt bl-operators li kellu u dawn kienu ferhana fuq il-magni taghhom. Ma hassx li kellu jiehu dak il-pass. Lanqas ma hass li kellu joffrilu xi xoghol iehor fil-perjodu ta' sena mit-terminazzjoni. Tant kien kapaci li facilment sab xoghol alternattiv. Di fatti hekk gara. Wara kollox hu kien l-uniku wiehed f'dak il-grad jew klassi.*

*<u>L-Art 2 tal-Kap 452</u> jaghti definizzjoni ta' 'klassi' u <u>fl-Art 34 (4) tal-istess Kap</u>, huwa stipulat kif issir terminazzjoni a bazi ta' 'redundancy'. Hawn jigi nvokat principju ta' 'last in first out'. Wara l-impjieg tar-rikorrent gew impjegati diversi persuni ohra. Pero' dawn ma gewx promossi ghal grad okkupat mir-rikorrent. Kif gja nghad huwa kien l-uniku persuna li jokkupa dak il-grad. L-insistenza tal-principal fuq il-klassi hija wisq eccessiva. Hija attitudni ta' strutturi ferm perikoluza u la certa makkinazzjoni biex il-principal jinqeda kif u meta jaqbillu.*

*Il-principal lanqas minn dan il-lat ma ried jakkomodah lir-rikorrent. La ried jirretrogradah u wisq anqas jittermina l-impjieg ta' min dahal l-ahhar f'dak il-grad sabiex jiehu postu. Fi ftit kliem, il-principal ried jehles mir-rikorrent skont hu, kif giet l-okkazzjoni. Lanqas biss giet lilu offruta alternattiva.*

*L-interpretazzjoni li ghandha tigi moghtija – fejn jigu kolpiti drittijiet u doveri tal-haddiema – ghandha tkun wahda ristrettiva. Jekk ma jsirx hekk, allura ikun ferm facli u apparentament legali li d-dritt ghax-xoghol gustament renumerat jigi menomat a skapitu tal-istess haddiem. Dana ma ghandhux jigi permess izda ghandhu jigi stronkat minn dan it-Tribunal.*

*Kumpens*

*Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li ra l-Art 80 u 81 tal-Kap 425 it-Tribunal qed jiffissa kumpens pagabbli fis-somma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000).*

*Konkluzjoni*

*Illi t-Tribunal jiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-impjieg ma saritx ghal raguni valida, u tiffissa l-kumpens pagabbli li ghandu jithallas mis-socjeta' intimati lir-rikorrent fis-somma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000).*

*Drittijiet qed jigu ntaxxati fis-somma ta' disghin ewro (€90)."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Thermoplastics Limited (l-intimati, illum appellanti) datat 11 ta' Lulju 2011 a fol 1 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u tannulla d-decizjoni appellata moghtija fl-01 ta' Lulju 2011 u minflok tilqa' r-risposti kollha ssollevati mis-socjeta' appellata u tghaddi biex tichad it-talba ta' l-appellat bl-ispejjez kontra l-istess appellat.

Rat ir-risposta ta' David D'Anastas datata 29 ta' Lulju 2011 a fol 7 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm

indikati li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Jannar 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta' Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr Matthew Brincat ghas-socjeta' appellanti, u Dr Jonathan Thompson ghall-appellat prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-28 ta' Gunju 2011.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 5 ta' Gunju 2012 fejn irrikjamat l-appell ghas-26 ta' Gunju 2012 ghall-istess skop u d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati ghall-partijiet minnhom rappresentanti bid-digriet tar-rikjam tal-kawza u b'hekk din il-Qorti tista' u ser tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 01 ta' Lulju 2011.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-aggravju odjern huwa fis-sens (a) li dan kien kaz ta' *redundancy* ghaliex dak li gara kien li peress li naqqas ix-xoghol lis-socjeta' appellanti, kien hemm bzonn ta' tnaqqis tal-ispejjez, u allura fost id-diversi misuri li ittiehdu, nkluz tnaqqis ta' overtime, u wkoll tnaqqis fil-paga tad-diretturi, kien hemm ukoll it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, b'dan li r-rwol ta' *supervisor* gie abolit. Hawn l-appellant qed jghid li il-kaz ta' *redundancy* japplika wkoll meta l-posizzjoni relattiva li jkun jokkupa l-impjegat ma tibqax tkun necessarja u dan kemm minhabba tnaqqis ta' staff minhabba nuqqas ta' xoghol jew nuqqas fid-domanda

ghas-servizzi tal-azjenda, l-introduzzjoni ta’ invenzjonijiet jew apparat jew mezzi awtomatici jew anke dak li jissejjah bhala *“successful streamlining of procedures or reorganinisation”* u dan kollu huwa legitimu dment li *“there is tangible and reliable evidence of a serious reason of rendering an employee redundant”* u allura meta t-Tribunal sostna li *“biex ikun hemm redundancy trid tezisti l-kondizzjoni inkonfutata li ma hemmx xoghol u mhux spicca bla xoghol ghaliex ix-xoghol tieghu gie assenjat lil terzi”* dan kien legalment zbaljat; (b) meta t-Tribunal li l-appellat kellhu almenu jigi offrut xoghol alternattiv qabez il-linja tal-Ligi ghaliex f’kaz ta’ *redundancy* il-principal ma ghandhux l-obbligu li jaghmel dan u dan johrog mill-**artikolu 36 (4) tal-Kap. 452** li jipprovdi li *“Meta principal ikun bi hsiebhu jtemm l-impjieg minhabba redundancy, hu ghandu jtemm l-impjieg ta’ dik il-persuna li tkun impjegata l-ahhar fil-klassi ta’ impjieg milquta minn dik ir-redundancy”.* Din ir-regola ta’ *last in first out* tapplika ghal klassi ta’ haddiema kif indikat fl-**artikolu 2 tal-Kap. 452** u f’dan il-kaz l-appellat kien l-unika persuna li tahdem bhala ‘*floor supervisor’* u allura l-unika persuna fil-klassi koncernata u allura bl-applikazzjoni ta’ tali regola l-persuna li kellha titkecca fic-cirkostanzi; (c) dwar l-ammont ta’ kumpens llikwidat ma hemm ebda ragunar ghaliex gie moghti l-istess ammont u dan ma sarx fid-dawl ta’ dak provdut fl-**artikolu 81 (2) tal-Kap. 452** tenut kont tad-danni reali u t-telfien li bata’ l-haddiem, fid-dawl ta’ cirkostanzi ohra inkluzi l-eta’ u s-snajja tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal ta’ impjieg ta’ dak il-haddiem. Dan ma sarx ghaliex fost affarijiet ohra l-appellat kien ta’ eta’ zghira, kien kapaci jaghmel xoghol iehor u setgha facilment issib xoghol alternattiv.

Illi jinghad li L-**artiklu 2 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta** ma jaghtix tifsira tal-kelma *redundancy,* izda tifsira komprensiva tal-istess kelma tinsab fil-Ligi Ingliza li maghha l-Ligi Maltija ghanda hafna xebh. Il-Ligi Ingliza taghti t-tifsira tal-kelma *redundancy* kif isegwi:

*“Redunancy is considered to have taken place when;*

*a) The employer ceases to carry on the business in which the employee was engaged or closes down the place in which he/she was working. -*

*b) The business ceases to require people with the particular skills of the employee or needs fewer of them to carry out the work.*

*c) The dismissal is for a reason not related to the individual concerned or for a number of reasons all of which are not so related.*

*ERA 1996 s139*

*This last provision (c) was introduced by the TURERA in 1993 to protect those who found themselves dismissed because of reorganizations, which meant that fewer workers were needed, but whose dismissal did not fall within the previous definition of redundancy".* **("The Personnel Manager's Factbook"** -Volume II published by GEE Publishing Limited).

Illi dan ifisser li sabiex ikun hemm redundancy irid ikun hemm *abolition of post* u fil-fatt l-Ligi Maltija segwiet il-Ligi Ngliza fuq dan il-punt tant li fis-sentenzi fl-ismijiet **"Remi Armeni vs Francis Busuttil & Sons Limited"** (A.I.C. (RCP) - 28 ta' Gunju 2011) u **"Alessandra Theuma vs Alfred Mangion et** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Mejju 2008) gie affermat li -

*"Fuq din il-materja ta' redundancy jidher li l-kaziztika tal-Qrati Inglizi stabbilit dawn il-linji gwida, u cjoe':-*

*(a) was the employee dismissed;*

*(b) If so, had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to do so)?*

*(c) If so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs".*

*“Tissokta tirritjeni s-sentenza “**Safe Stores plc vs Burrell”** (1997) li l-minnha l-precitat kweziti ttiehdu, illi taht punt (b) l-element krucjali hu dak jekk verament kien hemm tnaqqis fil-business requirements di fronte ghall impjegat. Espicitament, tesprimi “in deciding that, tribunals should not introduce “a contract test” whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for”. Illi wkoll f’din l-istess linja ta’ hsieb is-sentenza **“Shawkat vs Nottingham Hospital NHS Trust”** u ghall certu sens, mhux lanqas ‘il-boghod minnhom, id-decizjonijiet ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **“Victoria Spiteri vs St. Catherine’s High School”** (18 ta’ Ottubru 2006) u **“John Bartolo vs International Machinery Limited”** (9 ta’Mejju 2007)”.*

Illi dwar l-ewwel aggravju jidher car li fid-decizjoni tat-Tribunal irrizulta li t-tkeccija tal-appellat ma saritx sabiex taghmel ristrutturar genwin tas-socjeta’ izda sabiex jitkecca l-impjegat u dan ghaliex ix-xoghol li kien jaghmel l-impjegat baqa’ jezisti tant li dan baqa’ jsir mill-proprjetarji tas-socjeta’ u wkoll minn haddiema ohra, u huwa relevanti ghall dan il-kaz li jigi kkunsidrat li l-appellat kien jaghmel diversi xogholijiet, u allura setgha facilment jigi assenjat xoghol iehor li kien mehtieg, tant li jirrizulta li wara li tkecca l-impjegat l-istess socjeta’ ingaggat maghha diversi haddiema ohra, u allura f’dan il-kaz l-insistenza li ghamel il-principal fuq it-terminu ta’ ‘klassi ta’ haddiem’ kien abbusiv; dan qed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt li l-allegazzjoni da parte tal-appellat kienet mibnija kollha fuq it-tezi li s-socjeta’ appellanti sabet ruhha f’diffikulta finanzjarja, meta t-Tribunal sab li jekk kien hekk, ghaliex il-provi fuq dan il-punt lanqas kienu konvincenti, dan kien ghal zmien qasir hafna ta’ ftit xhur, tant li s-socjeta’ fethet estensjoni gdida ta’ bini ezistenti u ziedet linji ta’ produzzjoni godda u dan ma humiex kompatibbli (fortunatament) ma socjeta’ li tallega li kienet ghaddejja minn problemi finanzjarji. Fuq kollox jirrizulta li x-xoghol tieghu fid-denominazzjoni tieghu baqa’ fil-fatt necessarju ghal operat tas-socjeta’ izda beda jsir mill-proprjetarji stess, b’dan li ma jistax jinghad li l-posizzjoni tieghu jew ix-xoghol li kien jaghmel ma baqax izjed necessarju jew

jezisti u ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint proprju ghaliex ma kienx hemm il-bazi li tirrendi t-terminazzjoni tax-xoghol ta’ l-appellat bhala wahda fuq bazi ta’ redundancy, tant li minkejja li s-socjeta’ appellanti tallega li kellha tnaqqas il-haddiema fil-fatt ftit granet wara hija dahlet jahdmu maghha 4 haddiema, u allura jirrizulta li r-raguni ta’ temm ta’ impjieg minhabba *redundancy* kienet effettivament wahda fittizja u manuvrata b’certu mod sabiex proprju l-impieg tal-appellat jigi ghalhekk terminat u allura t-Tribunal kien korrett li f’dan il-kaz jirrizulta li meta effettivament ix-xoghol inghata jew beda jsir minn haddiehor is-socjeta’ appellanti awtokagunat t-terminazzjoni ta’ impjieg tal-appellat. Dan kollu ttiehed fid-dawl tal-fatt ben esposti mit-Tribunal fid-decizjoni tieghu li effettivament wasslu lit-Tribunal ghal konkluzzjonijiet tieghu, u din il-Qorti thoss li fid-dawl tal-istess rizultanzi l-konkluzzjoni tat-Tribunal f’termini legali kienet wahda korretta ghaliex ma kienx hemm *“a tangible and reliable evidence of a reason for rendering an employee redundant”* (**“Victoria Spiteri vs St. Catherine’s High School”** (A.I.C. (PS) - 18 ta’ Ottubru 2006).

Illi ma dan irid jizdied jinghad li kwantu ghas-sustanza reali tal-motiv addottat tar-*redundancy* minn min ihaddem hu hekk kontrollabbli mill-gudikant in bazi ghall-apprezzament ta’ provi. Apprezamment dan, li jekk huwa wiehed assistit minn motivazzjoni ko-erenti u kompleta, kif inhu f’dan il-kaz, jibqa’ mhux censurabbli minn din il-Qorti (**“Andrew Barbara vs P.E. Trading”** (A.I.C. (PS) – 5 ta’ Marzu 2010). B’hekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tieni aggravju fejn it-Tribunal sostna li l-principal setgha joffri impjieg alternattiv, jidher li dan kien kumment li ghamel it-Tribunal *obiter* **(“El Dara Limited vs Emmanuel Galea”** (A.C. – 21 ta’ Ottubru 2010); **“Maria Cini vs Lucia sive Lucy Saliba et”** (A.C. – 30 ta’ Gunju 2010) u ma jidhirx u ma jirrizultax minn qari tad-decizjoni li din kienet ir-raguni ghaliex wasal ghal-konkluzzjoni tieghu, li kienet ibbazata fuq l-konsiderazzjoni li s-socjeta’ fil-posizzjoni li kienet ma kienx tali li twassal sabiex jigi ritenut li l-impieg li kien jaghmel l-appellat ma kienitx iktar mehtiega, u allura dan ma kienx kaz ta’ *redundancy*, izda

biss li s-socjeta' riedet tittermina l-impjieg tal-appellat u allura sabet il-mezzi u l-okkazzjoni li taghmel dan, u dan irrenda tali terminazzjoni ta' impjieg bhala wahda mhux ghar-raguni gusta skond il-ligi. Ma hemmx dubju li dak li qal it-Tribunal intqal anke fid-dawl tal-fatt li l-appellat kien gie originarjament impjegat mas-socjeta' appellanti bhala *printer* fl-1 ta' Settembru 2003, fis-sena 2006 kien gie moghti inkarigu ta' *Assistent Supervisor*, u fid-9 ta' April 2008 kien gie nominat bhala *Floor Supervisor*, sabiex imbaghad fis-17 ta' Novembru 2008 hija tterminat l-impjieg tieghu ghaliex sostniet li huwa kien l-unika wiehed fil-Klassi tieghu! Certament li tali fatti, mhux kontestati, jiggustifikaw il-kumment li sar mill-istess Tribunal u fil-fatt joholqu stampa bil-wisq differenti minn dik li pingiet is-socjeta' fl-appell taghha u fuq kollox juru li meta l-appellat inghata inkarigu gdid biss ftit xhur qabel certament ma jistax jinghad li l-kumpanija kienet f'xi krizi minnha allegata ghaliex kieku l-appellat ma kienx jinghata dan l-inkarigu gdid.

Illi dwar l-ahhar aggravju dwar l-ammont ta' kumpens moghti jinghad li ghalkemm ma hemmx dubju li anke din kellha tkun motivata sew, li ma saritx jidher li l-kumpens attwalment moghti kien stabilit b'mod ekwu fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tenut kont ukoll tal-hidma u s-servizz li l-impjegat ikun ippresta ghal tant snin (bhal ma huwa dan il-kaz), u dan qed jinghad anke fil-kuntest ta' dak li gie deciz fis-sentenzi **"Joseph Saliba vs Imperial Hotel (Goldvest Company Limited"** (A.I.C. (RCP) – 31 ta' Mejju 2012); **"Joseph Paris vs The Cargo Handling Company Limited et"** (A.I.C. (PS) – 23 ta' April 2010) fejn inghad sabiex jigi evalwat il-kumpens dan ghandhu jsir b'mod ekwu tenut kont ukoll tal-hidma u s-servizz li l-impjegat ikun ippresta ghall tant snin (bhal ma huwa dan il-kaz). Ghalhekk anke dan l-aggravju kellhu jigi respint.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-appellat datata 29 ta' Lulju 2011 in kwantu konsistenti ma'

dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appelanti Thermoplastics Limited fir-rikors tal-appell datat 11 ta' Lulju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk qed tikkonferma ghall kull effett u buon fini tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet "David D'Anastas vs Thermoplastics Limited" (Kaz Nru. 2642/JB – Decizjoni Nru. 2089) datata l-1 ta' Lulju 2011.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti Thermoplatics Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------